Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,656, 15 ta' Ottubru, 2010
Taqsima B

A.L. 455 ta' l-2010

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolament ta' l-2010 dwar l-Użu ta' Radjokomunikazzjonijiet minn Bastimenti Merkantili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolament ta' l-2010 dwar l-Użu ta' Radjokomunikazzjonijiet minn Bastimenti Merkantili.

Kif japplikaw dawn ir-regolamenti għal bastimenti mhux reġistrati f'Malta.

2. Dawn ir-regolamenti, minbarra ir-regolament 7, għandhom japplikaw għal bastimenti li ma jkunx bastimenti Maltin waqt li dawn ikunu jinsabu Malta bl-istess mod bħal ma japplikaw għal bastimenti Maltin.

Tifsir.

3. (1) Kull riferenza f'dawn ir-regolamenti għal "l-Att" hi riferenza għall-Att biex jirregola Komunikazzjoni Elettroniċi , kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 28 ta' l-Att għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta'Malta dwar il-komunikazzjoni;

"bastiment tal-passiġġieri" għandha jkollha l-istess tifsira kif definit fl-Att tal-Bastimenti Merkantili;

Kap. 234.

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjonijiet;

"spettur tar-radjokomunikazzjoni marittima" tfisser uffiċjal maħtur mill-Ministru għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u tat-Taqsima IV ta' l-Att u kull riferenza għal spettur f'dawn ir-regolamenti għandha titqies bħala li tirreferi għal kull spettur bħal dak.

Ħtiġiet tar-radjokomunikazzjoni.

4. Kull bastiment Malti li jbaħħar u li jkun bastiment tal-passiġġieri jew bastiment ta' tliet mitt tunnellata grossa jew aktar , għandu jkun provdut b'installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni li jkun Global Maritime Distress Safety System (GMDSS) jew kull installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni oħra hekk kif il-Ministru jista' jordna taħt l-Att dwar kull kategorija ta' bastimenti, flimkien ma' liċenza li jinstalla u juża dik l-installazzjoni, u għandu jżomm servizz ta' radjokomunikazzjoni li għandu mill-inqas ikun biżżejjed biex ikun konformi ma' dawn ir-regolamenti, ma' l-Att jew ma' kull regolamenti magħmulin taħtu u mad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, jew ma' kull regolamenti magħmulin taħtu, u għandu jkun mill-inqas provdut b'operatur u għassies ċertifikat wieħed jew iktar, kif hemm f'dawk ir-regoli u regolamenti:

Kap. 234.

Iżda l-Ministru jista' b'ordni jeżenta, għal kollox jew biss f'parti, mill-obbligazzjonijiet imposti b'dawn ir-regolamenti lil kull bastiment jew klassi ta' bastimenti jekk ikun tal-fehma li, in konsiderazzjoni tax-xorta tal-vjaġġi li dawk il-bastimenti jkollhom jagħmlu, jew xi ċirkostanzi oħra tal-każ, ikun adatt li jagħmel dan.

Spezzjon ta' bastimenti.

5. (1) Jista' *surveyor* tal-bastimenti jew spettur jispezzjona lil kull bastiment għall-fini li jifli li dan ikun provdut kif imiss b'installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni u li jkollu operaturi u għassiesa ċertifikati konformement ma' dawn ir-regolamenti u ma' kull regoli li minn żmien għal żmien isiru taħt l-Att, u għall-fini ta' dik l-ispezzjoni għandu jkollhom is-setgħat kollha ta' *surveyor* taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

(2) Jekk dak is-surveyor jew spettur jirriżultalu li l-bastiment ma jkunx ġie mgħammar kif imiss, huwa għandu jagħti avviż bil-miktub lill-kaptan jew lis-sid fejn jinnota n-nuqqas, u fejn ukoll jirrimarka dwar dak li fil-fehma tiegħu jkun meħtieġ bħala rimedju tas-sitwazzjoni.

(3) Kull avviż li jingħata b'dak il-mod għandu jitwassal minn dak is-surveyor jew spettur bil-miktub lill-Kontrullur tad-Dwana, u bastiment li jkun irid jikseb permess biex jitlaq jew *transire* għandu jinżamm sakemm ma jinġiebx ċertifikat

iffirmat minn xi surveyor jew spettur bħal dawk minn sid il-bastiment għall-Kontrullur tad-Dwana li jkun juri li l-bastiment ikun mgħammar kif imiss b'installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni u b'operaturi u għassiesa ċertifikati konformement ma' dawn ir-regolamenti, ma' l-Att u ma' kull regolamenti oħra li minn żmien għal żmien isiru taħt l-Att.

(4) Meta *surveyor* jew spettur ikun sodisfatt li bastiment ikun mgħammar kif imiss b'installazzjoni u b'operaturi u għassiesa kif meħtieġ b'dawn ir-regolamenti, bl-Att jew b'regolamenti magħmulin minn żmien għal żmien taħt l-Att, huwa għandu minnufih jgħarraf lill-Kontrullur tad-Dwana bil-miktub li l-bastiment ikun hekk mgħammar u għandu joħroġ ċertifikat iffirmat minnu li jkun juri dan kollu lis-sid jew lill-kaptan tal-bastiment.

Ħruġ ta' liċenza.

6. (1) Il-liċenza biex tinżamm u tintuża installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni meħtieġa b'dawn ir-regolamenti tista' tinħareġ mill-Awtorità lis-sid ta' bastiment jew lill-aġent tiegħu li jkun qieghed japplika għaliha malli l-Awtorità tkun irċevit dak iċ-ċertifikat mingħand is-*surveyor* jew l-ispettur:

Iżda l-Awtorità tista', minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, toħroġ liċenza provviżorja jew għadd ta' liċenzi provviżorji li lkoll flimkien ma jistgħux ikunu jkopru perjodu ta' iżjed minn tnax il-xhur, mid-data tar-reġistrazzjoni ta' bastiment taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, f'dawk iċ-ċirkostanzi u taħt dawk il-kundizzjonijiet li hija tista' tqis adatti.

(2) Liċenza tibqa' valida għall-perjodu, li ma jkunx ta' iżjed minn perjodu ta' sitta u tletin xahar kalendarju skond ma jista' jiġi mniżżel fil-liċenza u tista' tiġġedded għal perjodi sussegwenti ta' kull darba għal mhux iżjed minn sitta u tletin xahar, hekk kif jista' jiġi mniżżel fit-tiġdid.

Bastimenti li jbaħħru mgħammra b'installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni għandhom jiksbu liċenza.

7. (1) Is-sid ta' bastiment Malti li jbaħħar u li jkun mgħammar b'installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni jew l-agent tiegħu, għandu, sew jekk id-dispożizzjonijiet ta' qabel japplikaw għall-bastiment sew jekk le, jikseb liċenza mill-Awtorità biex iżomm u juża dik l-installazzjoni.

(2) Dan ir-regolament m'għandux japplika għal bastiment Malti mikri *bareboat charter* u reġistrat f'reġistru barrani, filwaqt li jkun hekk reġistrat.

Pieni.

8. Fin-nuqqas ta' ħaris ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti fil-każ ta' xi bastiment, kull min mis-sid, kaptan jew agent tal-bastiment skond ma jkun il-kaz jista', meta jinsab ħati, jeħel għal kull reat multa ta' mhux inqas minn tlett mitt euro (€300) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), u proċeduri għal kull reat bħal dak jistgħu jsiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Ir-regolamenti huma b'żjieda ma' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

9. L-obbligazzjonijiet imposti b'dawn ir-regolamenti huma b'żjieda ma' l-obbligazzjonijiet, u mhux biex jissostitwuhom, dwar ir-radjokomunikazzjoni imposti bl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.